



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0405 (COD)

9805/26
ADD 1

SAN 355
PHARM 96
AGRI 427
AGRILEG 139
ENV 581
CODEC 1037
BIOTECH 65

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2001/18/KE u 2010/53/UE rigward l-introduzzjoni fis-suq ta' mikroorganiżmi ġenetikament modifikati u l-ipproċessar tal-organi - Approċċ ġenerali = Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni għall-minuti mir-Repubblika tal-Awstrija

Coreper I | 3 ta' Ġunju 2026

Punt 2 tal-aġenda

Att Ewropew dwar il-Bijoteknoloġija I – Direttiva

L-Awstrija tixtieq tiringrazzja lill-Presidenza Ċiprijotta għat-test ta' kompromess dwar id-Direttiva dwar l-Att dwar il-Bijoteknoloġija u għall-akkomodazzjonijiet li saru, partikolarment fil-qasam tat-trapjanti ta' organi. Nilqgħu il-kunsiderazzjoni li nġhatat għall-oqfsa nazzjonali u l-isforzi li saru biex titnaqqas kemm jista' jkun il-burokrazija żejda. Sar ukoll titjib sinifikanti fuq il-proposta oriġinali b'rabta mal-applikazzjonijiet mediċi ta' mikroorganiżmi ġenetikament modifikat (GMMs).

Madankollu, minkejja l-progress sinifikanti li sar, l-Awstrija għad għandha tħassib serju dwar l-introduzzjoni fis-suq u r-rilaxx fl-ambjent ta' GMMs.

L-Awstrija tilqa' l-fatt, li wara l-introduzzjoni fis-suq ta' GMMs, minflok l-awtorizzazzjoni indefinita prevista oriġinarjament, issa hemm dispożizzjoni għal awtorizzazzjoni għal perjodu inizjali ta' 10 snin.

Madankollu, tibqa' l-possibiltà li l-**monitoraġġ ta' GMMs eliġibbli għal-proċedura b'urġenza** ma jkollhiex għalfejn tibqa' mandatorja **ladarba jkunu ġew introdotti fis-suq**. Mill-perspettiva tal-Awstrija, mingħajr monitoraġġ mandatorju, m'hemmx bażi sostantiva li tista' tipprovdi ġustifikazzjoni xjentifikament soda għal-awtorizzazzjoni indefinita. Id-data meħtieġa biex jiġi stabbilit l-użu sikur ta' GMM wara l-introduzzjoni tiegħu fis-suq tista' tinġabar biss permezz ta' monitoraġġ strutturat.

Peress li d-deċiżjoni dwar jekk il-monitoraġġ ikunx mandatorju hija tal-Istati Membri individwali, l-Awstrija temmen li din tista' twassal għal **prattiki differenti** fl-Istati Membri u għalhekk tmur **kontra l-armonizzazzjoni tal-proċeduri**.

L-Awstrija tirrikonoxxi l-fatt li l-proposta fiha ħafna titjib. Madankollu, minħabba t-tħassib deskritt hawn fuq, ser nastjenu matul il-votazzjoni dwar l-approċċ ġenerali.